MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1049/2007

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Mare Blu Tuna Farm Limited (C – 20565)**

l-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur fl-ismijiet fuq indikati datat l-10 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu, l-Awtorita` rikorrenti sejjhet lis-socjeta` ntimata biex wara li sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata ghandha taghti l-ammont ta' wiehed u erbghin elf u sebgha u tmenin Lira Maltin u hames centezmi, (LM41,087.05), bilanc minnha lilha dovut minn somma akbar ghal drittijiet tal-port inkluzi rmigg, immaniggjar ta' skart minn bastimenti u *ship conference fees*, rigwardanti facilitajiet u servizzi moghtija

lill-istess socjeta` ntimata fuq talba taghha stess, flimkien ma drittijiet ohra naxxenti ai termini tar-Regolamenti dwar Rati tal-Port;

2. Illi l-ammont de quo ndikat fil-paragrafu precedenti jirrizulta mill-i*statement of account* datat is-17 ta' Settembru, 2007, (ara fol 5-27);

3. Illi nonostante li s-socjeta` ntimata giet interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut hi hallset biss parti mill-ammont involut;

4. Illi stante li l-amont hu cert, likwidu u dovut l-azzjoni giet intavolata bit-talba ghad-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li din il-qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` ntimata hi debitrici versu l-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta' wiehed u erbghin elf u sebgha u tmenin Lira Maltija u hames centezmi, (LM41,087.05), ekwivalenti ghal hamsa u disghin elf, seba' mija u seba' Ewro u tmien centezmi, (€95,707.08), bilanc minn somma akbar ghad-drittijiet fuq indikati lilha dovuti;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-Awtorita` rikorrenti;

3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet skont il-ligi kontra l-istess socjeta` ntimata;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` ntimata datata t-13 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament is-socjeta` ntimata mhix il-legittimu kontradittur stante li din is-socjeta` qatt

ma talbet jew uzat is-servizzi ndikati mill-Awtorita` rikorrenti;

2. Illi t-talbiet tal-Awtorita` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hlas ghal servizzi varji fil-port isir lis-socjeta` Valletta Gateway Terminal Limited skont ftehim bejnha u bejn is-socjeta` ntimata;

3. Illi t-talbiet ghall-hlas ghas-servizzi indikati fir-rikors promotur m'humiex dovuti stante li l-gestjoni tal-postijiet in dizamina ghaddew f'idejn is-socjeta` Valletta Gateway Terminal Limited li tipprovdi l-facilitajiet t'irmigg u servizzi ohra lis-socjeta` ntimata;

**4.** Illi rigward l-irmigg u drittijiet tal-port issir referenza ghar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Drittijiet ghall-Irmigg li jistabbilixxu li dawn ma japplikawz ghal **bastiment li jhallas, ghal uzu ta' rmigg, skont ma jkun stabbilit jew bi provvedimenti legislattivi ohra jew b'arrangamenti u pattijiet milhuqin u approvati mill-Awtorita`,** li meta l-Gvern ghadda l-gestjoni ta' partijiet tal-Port il-Kbir lis-socjeta` Valletta Gateway Terminal Limited, l-imsemmija Regolamenti ma baqghux japplikaw;

**5.** Illi rigward l-immaniggjar ta' skart de quo, l-Awtorita' rikorrenti qatt ma pprovdiet servizzi f'dan il-qasam lis-socjeta` ntimata u li inoltre, li ai termini tar-Rgolamenti dwar Facilitajiet Portwali, bastimenti tas-sajd bhal dak tas-socjeta` ntimata huma ezenti minn dawn il-hlasijiet;

**6.** Illi s-socjeta` ntimata qatt ma wzat il-*call* u *ship conference fees*;

**7.** Illi s-socjeta` ntimata qatt ma talbet il-facilitajiet de quo mill-Awtorita` rikorrenti;

**8.** Illi ghalkemm debitament interpellata kif ritenut fil-paragrafu numru 3 tar-rikors promotur, is-socjeta` ntimata dejjem irrispondiet li l-pagamenti minnha dovuti kienu qed jigu regolarment imhallsa lis-socjeta` Valletta Gateway Terminal Limited;

**9.** Illi hi gia` hallset l-ammonti verament dovuti;

**10.** Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` rikorrenti;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-Awtorita` rikorrenti datat it-3 ta' Gunju, 2009, flimkien man-nota mieghu annetta li permezz taghha l-Awtorita` rikorrenti rriduciet is-sorte ghal sebgha u tmenin elf hmes mija u sebgha u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€87,547.34), (ara fol 101);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-Awtorita` rikorrenti datat l-1 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu talab korrezzjoni fl-okkju u kull fejn jirrikorri biex l-Awtorita` rikorrenti tigi ndikata bl-isem hemm riferit;

Rat id-digriet taghha fir-rigward ukoll datat l-1 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu laqghet it-talba, (ara fol 163);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita` rikorrenti datata t-2 t'April, 2012;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` ntimata datata l-4 ta' Gunju, 2012;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont kif ridott mill-istess Awtorita` rikorrenti hu allegatament dovut lilha mis-socjeta` ntimata ghar-ragunijiet kif sintetikament minnha espressi fir-rikors guramentat promotur, u dan, a bazi tal-istess "*statements of account*" minnha pprezentati in atti fuq gia` citati;

2. Illi jidher anke mix-xhieda ta' persuna nkarigata mill-"*executive bill section*" tal-Awtorita` rikorrenti fid-depozizzjoni tieghu tat-13 ta' Mejju, 2008, (ara fol 93), li l-lanjanza principali tas-socjeta` ntimata kienet li l-hlas minnha mitlub mill-Awtorita` rikorrenti kienu gia` qieghed jithallas lis-socjeta` Valletta Gateway Terminal Limited, is-socjeta` li l-istess Awtorita` rikorrenti kienet hi stess ghaddiet il-gestjoni tal-bicca l-kbira tal-Port il-Kbir f'idejha;

3. Illi ghalhekk il-kontenzjoni principali tas-socjeta` ntimata tista' principalment tigi sintetizzata fil-fatt li qed tallega li hawn qed tigi mgieghelha thallas ghal servizzi li gia` hallset ghalihom lis-socjeta` li effettivament qed tiggestixxi l-Port il-Kbir minflok l-Awtorita` rikorrenti;

4. Illi din l-offerta tas-servizzi li taghha l-Awtorita` rikorrenti qed titlob il-pagamenti in dizamina jirrizulta li jinghataw minflok mhux min din l-Awtorita` izda mis-socjeta` gestanti l-facilitajiet tal-Port il-Kbir maghrufa bhala Valletta Gateway Terminal Limited, kif jirrizulta mix-xhieda tal-"*company administrator*" prodotta, (ara fol 133 et sequitur) u li taghhom tesigi l-pagament pre-stabbilit;

5. Illi l-Awtorita` rikorrenti hi nfurmata b'din ir-relazzjoni bejn is-socjeta` gestanti l-Port il-Kbir indikata fil-paragrafu precedenti u s-socjeta` ntimata, (ara fol 136);

6. Illi l-Awtorita` rikorrenti timponi pagamenti differenti;

Ikkunsidrat:

Illi sintetikament is-socjeta` ntimata ssostni s-segwenti:

1. Illi hi kienet ikkonkludiet ftehim mas-socjeta` gestanti l-Port il-Kbir minflok l-Awtorita` rikorrenti – senjatament il-Valletta Gateway Terminal Limited – rigwardanti l-irmigg fl-istess Port;

2. Illi fil-lokalitajiet uzati mis-socjeta` ntimata hi biss din is-socjeta` gestanti l-Port indikata fil-paragrafu precedenti li tipprovdi l-facilitajiet meritu tal-vertenza odjerna;

3. Illi din ir-relazzjoni bejn is-socjeta` ntimata u dik gestanti l-port fuq indikata hi a bazi ta' kuntratt regolarment konkluz, u dan, a bazi tal-klawsola 1 (a), (ara fol 41 u 147);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jista' jigi sottolineat is-segwenti:

1. Illi r-relazzjoni bejn l-Awtorita` rikorrenti li hi biss awtorita` regolatrici u dik kummercjalment responsabbli ghall-gestjoni tal-Port il-Kbir ma tidhirx li hi relazzjoni limpida fejn ta' l-ewwel hi biss generikament regolatrici u tat-tieni, attwalment u esklussivament gestatrici;

2. Illi tali stat konfuzjonarju johloq incertezza fir-relazzjonijiet li jistghu jinholqu u ghalhekk ikun ta' detriment ghall-amministrazzjoni serja u trasparenti tal-gid komuni fdat f'idejhom;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` ntimata ghandu sintetikament jinghad biss li nonostante dan, l-istess socjeta` ghazlet li taffronta l-procedura in dizamina u ghalhekk, permezz tal-azzjonijiet taghha fir-rigward tirrizulta li in effetti hi stess irrinunzjat din l-eccezzjoni minnha stess sollevata billi affrontat il-kaz "*a viso aperto*";

Illi ghalhekk din il-qorti tinterpreta din l-istess pozizzjoni bhala ekwivalenti ghal rinunzja effettiva tal-istess eccezzjoni preliminari sollevata u konsegwentement qed tikkondisraha daqs li kieku giet irtirata;

Ikkunsidrat:

Illi del resto, mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-Awtorita` rikorrenti jidher li hi wahda regolatrici li ghaddiet id-drittijiet amministrattivi u ta' gestjoni li qabel seta' kellha fil-gestjoni tal-Port il-Kbir lil socjeta` privata li bdiet tamministra l-Port minflokha;

2. Illi ghalhekk kellha tkun din is-socjeta` privata fuq indikata li se mai, kellha l-obbligu li tintavola xi azzjoni fir-rigward;

3. Illi mill-bqija ma jirrizultax a sodisfazzjon ta' din il-qorti li l-Awtorita` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi fil-konfront tas-socjeta` ntimata stante li l-"i*statements*" minnha esebiti wehidhom ma jikkonsolidawx legalment it-talbiet minnha postulati meta dawk ikunu konfrontati mal-assjem tal-provi l-ohra prodotti;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposti l-ohra sollevati mis-socjeta` ntimata, tirrespingi l-ewwel risposta preliminari tas-socjeta` ntimata flimkien mat-talbiet kollha tal-Awtorita` rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita` rikorrenti.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------